**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2019**

**Avviż Numru: 430/2009 MLF**

**Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Monaco Millions Limited, u l-istess Monaco Millions Limited**

**vs**

**Bay Street Holdings Limited u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2013 giet kjamata in kawza Euro Hygene Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetajiet attriċi fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet elef, seba' mija, sitta u disgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,796.46c) li minnhom l-ammont ta' € 465.88 huma dovuti lis-soċjeta Monaco Millions Limited bħala *excess*, rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti b'riżultat ta' ilma illi ipperkola fil-proprjeta tas-soċjeta rikorrenti Monaco Millions Limited f'żewġ okkazzjonijiet separati u ċioe bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2007 u bejn it-22 u t-23 ta' Marzu 2008, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni.

Bl-imgħax mid-data ta' kull pagament li sar mis-soċjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Ltd. lis-soċjeta rikorrenti Monaco Millions Limited u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali tad-19 ta' Ottubru 2009 kontra s-soċjeta intimata li minn issa tibqa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat ir-risposta tal-kumpanija konvenuta Bay Street Holdings Limited fejn eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-kumpanija esponenti ma għandha assolutament ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpanija Monaco Millions Limited, il-kumpanija Monaco Millions Limited ma għandhiex x'taqsam mal-kumpanija esponenti u l-kumpanija Monaco Millions Limited ma għandhiex u ma għandux ikollha proprjeta ġewwa l-kumpless ġestit mill-kumpanija esponenti;

2. Illi għalhekk il-kumpannija esponenti ma kkawżat ebda ħsara fil-proprjeta tal-kumpanija Monaco Millions Limited;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba jirriżulta illi ġiet ikkaġunata xi ħsara fil-proporjeta tal-kumpanija Monaco Millions Limited, tali ħsara ma ġietx ikkaġunata mill-kumpanija esponenti u l-kumpanija esponenti ma għandha ebda ħtija għal tali ħsara;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba għall-imgħax kif mitluba mill-kumpanija attriċi hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi d-dejn mitlub semmai huwa ċivili u jibda jiddekorri – skond il-liġi – mid-data ta' interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas, u mhux qabel

5. Salv risposta ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra l-kumpanniji attriċi.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici Monaco Millions Limited li permezz taghha irtirat it-talba taghha fis-somma ta' €465.88.[1]

---

[1] Ara fol. 22 tal-process

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-1 ta' Dicembru, 2010, din il-Qorti diversament preseduta awtorizzat lis-socjeta' konvenuta Bay Street Holdings Limited sabiex tipprezenta risposta ulterjuri, li permezz taghha is-socjeta' konvenuta eccepiet hekk:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti ratione valoris sabiex tkompli tisma dina l-kawża peress illi l-ammont illi għadu pretiż mill-kumpannija attriċi Atlas Insurance PCC Limited ma huwiex ta' kompetenza ta' dina l-Qorti iżda tat-Tribunal Għal Talbiet iż-Żgħar.

2. Salv risposta ulterjuri.[2]

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2013 fejn din il-Qorti ordnat il-kjamata in kawza tas-socjeta Euro Hygene Limited, li saret fuq talba tas-socjeta konvenuta.

Ghalkemm is-socjeta' kjamata in kawza Euro Hygene Limited giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ma ipprezentatx risposta, qatt ma deheret ghas-seduti tal-Qorti u lanqas ma ipproduċiet provi.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-soċjeta attriċi Atlas Insurance PCC Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Monaco Millions Limited, qed titlob danni naxxenti minn ħsarat allegatament sofferti minn Monaco Millions Ltd fil-fond okkupat minnha b'riżultat ta' skular ta'

[2] Ara fol. 44 tal-process

ilma, minn ġo ambjent li jifforma parti mill-kumpless Bay Street Tourist Complex (fit-tielet sular) u li jiġi fuq l-istess fond okkupat minn Monaco Millions Limited (fit-tieni sular).

2. Dan id-dannu ġie allegatament ikkaġunat għaliex fl-imsemmija kamra fit-tielet sular, li kienet uzata mill-*cleaners* tas-socjeta konvenuta, tħalla vit tal-ilma miftuħ. Konsegwenza ta' dan, l-ilma niżel minn din il-kamra fit-tielet sular għas-saqaf fil-propjeta ta' Monaco Millions Limited fit-tieni sular.

3. Il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta assiguratriċi Atlas Insurance PCC Ltd lill-Monaco Millions Limited qiegħda in atti[3]. Saru żewġ *claims* fir-rigward ta' dawn l-inċidenti fejn kien hemm l-imsemmi perkolazzjoni tal-ilma fil-fond tas-soċjeta assigurata Monaco Millions Limited, u cioe' waħda fit-22 ta' Novembru 2007[4] u l-oħra fit-22 Marzu 2008[5]. Is-soċjeta attriċi hallset dawn iż-żewġ *claims* lis-socjeta' Monaco Millions Limited[6] skond it-termini tal-polza tal-assikurazzjoni.

4. Qabel seħħew dawn l-inċidenti, u cioe fl-20 ta' Gunju 2007, is-soċjeta konvenuta Bay Streeet Holding Ltd dahlet f'*service agreement* mas-soċjeta Euro Hygene Limited[7] ghal servizzi ta' tindif.

5. Is-soċjeta konvenuta Bay Street Holdings Limited tirreferi għal dan il-ftehim u tgħid li tali ambjent minn fejn thalla l-vit miftuh u kien hemm il-perkolazzjoni tal-ilma ma kienx fil-pussess tagħha, iżda kien fil-pussess tas-socjeta Euro Hygene Limited.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ladarba fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici Monaco Millions Limited irtirat it-talba taghha fis-somma ta' €465.88, il-vertenza li tibqa' hija dwar it-talba tas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited fis-somma ta' €3,330.58.

---

3 Fol 88.
4 Fol 42.
5 Fol 55.
6 Fol 23 u Fol 26.
7 Fol 132.

Is-socjeta' kjamata in kawza Euro Hygene Limited la pprezentat risposta u lanqas ressqet provi. Madankollu dan ma ghandux ifisser li s-socjeta' kjamata in kawza qed tammetti dak allegat mis-socjeta' konvenuta ghaliex huwa principju assodat li l-kontumacja mhix ammissjoni izda kontestazzjoni.

*L-Eccezzjoni Ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti ratione valoris*

Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra preliminarjament din l-eccezzjoni, u cioe' jekk din il-Qorti ghandhiex il-kompetenza *ratione valoris* rikjesta sabiex tiddermina t-talba attrici, stante illi jekk jirrizulta li din l-eccezzjoni hija misthoqqa, allura ma jkunx hemm lok illi jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet fil-mertu.

L-artikolu 748 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi meta t-talba hija għall-hlas ta' somma determinata, il-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba. L-atturi ddikjaraw fl-avviz illi l-ammont minnhom mitlub kien ta' €3,796.46. Izda kif diga' inghad, is-socjeta' attrici Monaco Millions Limited irtirat it-talba taghha fis-somma ta' €465.88, u ghalhekk wara li giet irtirata dik it-talba, l-ammont pretiz nizel ghal €3,330.58. Permezz ta' din l-eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta ssottomettiet li dan l-ammont hekk ridott jaqa' fil-parametri tal-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Fiz-zmien meta gie intavolat l-avviz odjern, l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, kien jipprovdi b'dan il-mod: *"Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u disghin Euro u sitt centezmi (3,490.06)."*

L-Artikolu 56A tal- Kodici ta' Procedura u Organizzazjoni Civili jippreskrivi illi *"Minkejja kull disposizzjoni ta' dan il-Kodici, l-qrati inferjuri ma ghandhomx jiehdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar imwaqqaf taht l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar."*

Huwa principju assodat fil-kazistika taghna li l-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni

attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. Ma' dan pero' irid jigi kkunsidrat fl-ambitu tal-Artikolu 753(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jiddisponi li *"meta it-talba hija maghmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jigi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni".*[8]

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li meta gie intavolat l-att promotur, it-talba attrici kienet f'ammont li jeccedi l-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u li jinkwadra ruhu fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ghalkemm fil-mori tal-kawza l-ammont pretiz gie ridott, din il-Qorti xorta wahda baqghet kompetenti li tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika mas-socjeta Monaco Millions Limited</u>*

Is-socjeta' konvenuta teccepixxi illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Monaco Millions Limited, ghaliex din is-socjeta' ma ghandhiex u ma ghandux ikollha proprjeta gewwa l-kumpless gestit minnha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et**, deciza fit-28 ta' Frar 2007 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9], inghad illi:

"*b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar*."

In-natura ta' din il-kawza ghas-socjeta' attrici hi wahda ta' *culpa aquiliana*. Huwa principju stabbilit li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu (Artikolu 1031 tal-Kodici Civili), u illi jitqies fil-htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032). Imbaghad, skont l-artikolu 1033 tal-Kodici Civili,

[8] Ara f'dan is-sens is-sentenzi **Pauline Mizzi et vs Concetta Key** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 t'April 2001, u **Woodline Ltd vs Forsite Design & Project Management Ltd** deciza fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (*Per* Imhallef Raymond Pace).
[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras

kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb għall-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Fis-sentenza **Middlesea Insurance plc vs Joseph Zaffarese**, deciza fid-29 ta' Mejju 2009, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] irriteniet hekk:

"*Hi disposizzjoni espressa tal-ligi taht il-Kodici Civili illi jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032 (1)]. Hu spjegat mill-awturi illi "negligenza, infatti, altro non è se non assenza di diligenza, imprudenza è intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze". **Ara Alpa "La responsabilita` civile"**, Trattato di diritto civile, Milano 1999 p 261 u **Franzoni "Le obbligazioni da fatto illecito"**, Ed. Utet, 2004, p 42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032 (1) predett] id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto. (***Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et**, Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919)"*

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' Monaco Millions Limited kienet qeghda topera n-negozju taghha ta' *gaming company* mill-fond fejn dahal l-ilma, u li l-oggetti li garrbu l-hsarat b'konsegwenza ta' din il-perkolazzjoni jappartjenu lis-socjeta' Monaco Millions Limited.[11]

Irrizulta wkoll illi Monaco Millions Limited kienet assikurata mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip '*all risk*'. Wara l-incident is-socjeta' Monaco Millions Limited ressqet *claim* mas-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited li da parti taghha inkarigat lil Jason Vassallo, *loss adjustor* u *surveyor*, li acceda fuq il-post u

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[11] Ara x-xhieda ta' Ivan Camilleri a fol. 80 tal-process

iccertifika l-hsarat kemm fl-okkazzjoni tal-perkolazzjoni li sehhet f'Novembru 2007 u kif ukoll f'Marzu 2008.[12] Jirrizulta wkoll li s-socjeta' assikuratrici hallset l-ammont pretiz lis-socjeta' assikurata li sussegwentement issurrogat lis-socjeta' assikuratrici fid-drittijiet taghha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plc et** deciza fid-9 ta' Frar, 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] irreteniet illi: *"... ... (H)uwa principju kwalifikat fil-ligi illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (Artikolu 1031, Kodici Civili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita`ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita` mal-event dannuz;*"

Ghalhekk ir-relazzjoni guridika ma titnissilx minn xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, izda mill-fatt li t-talba attrici hija mibnija fuq il-premessa ta' danni *aquiliani* kkagunati minn perkolazzjoni tal-ilma mill-fond sovrastanti gestit mis-socjeta' konvenuta u li kkawzat danni lill-assikurata taghha Monaco Millions Limited.

Ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni – Nuqqas ta' htija ghad-danni kagunati</u>*

Fil-mertu, is-socjeta' konvenuta eccepiet li hija ma kkawzat ebda hsara fil-proprjeta tas-socjeta' Monaco Millions Limited u li ghalhekk ma ghandha ebda htija ghall-hsara mertu tal-kawza. Fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Doreen Vella et** deciza fit-23 t'April, 2010, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[14] inghad illi *"... f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja ta' l-appellanti-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat*

[12] Ara r-rapporti mmarkati JV1 u JV2 a fol. 42 u fol. 55 rispettivament
[13] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Farrugia vs Peter Galea et** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[15] fis-7 ta' Frar, 2007, gie ritenut illi: "*Kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita` bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principji tar-res ipsa loquitur*."

Jirrizulta ampjament mill-provi, u dan lanqas huwa kkontestat mis-socjeta konvenuta li l-fond tas-socjeta assigurata huwa sottostanti car park tas-socjeta konvenuta, u f'dan il-car park hemm kamra li tintuza mill-*cleaners*, li f'zewg okkazzjonjiet separati, hallew vit tal-ilma miftuh u b'hekk ikkagunaw il-hrug ta' kwantita' konsiderevoli ta' ilma ghal gewwa l-fond sottostanti tas-socjeta assigurata, u kkagunawlha danni.

Pero, is-socjeta konvenuta qieghda tikkontesta li hija responsabbli ghal dawn id-danni, ghax qed tghid li din il-kamra ma kinietx fil-pussess taghha, izda kienet fil-pussess esklussiv tas-socjeta kjamata in kawza Euro Hygene Limited, li maghha kienet dahlet f'*service agreement* ghal xoghol ta' tindif, u li kienu l-impjegati tas-socjeta kjamata in kawza li hallew il-vit miftuh. Johann Briffa, il-*Fire and Safety Manager* tas-socjeta konvenuta, xehed li din il-kamra "*inghatat f'idejn l-istess socjeta' Euro Hygiene Ltd. sabiex tintuza fit-tul tal-kuntratt lil din l-ahhar socjeta. Access ghal din il-kamra kien f'idejn il-cleaners, hadd iktar ma kellu cwievet ta' din il-kamra hlief il-cleaners*".[16] Ix-xhud esebixxa ukoll rapport tal-ufficjal tas-sigurta' *on duty* Jean Gialanze tas-socjeta konvenuta relattiv ghall-kaz ta' Marzu 2008, minn fejn jirrizulta li minn investigazzjoni kien instab li din il-perkolazzjoni sehhet meta l-*cleaners* hallew vit tal-ilma miftuh f'din il-kamra.

---

[15] *Per* Imhallef Sciberras

[16] Ara x-xhieda ta' Johann Briffa a fol. 124 tal-process

Nonostante din ix-xhieda, mis-*service agreement* tal-20 ta' Gunju 2007 bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta kjamata in kawza Euro Hygene Limited li gie ezebit mis-socjeta konvenuta, ma jirrizultax li l-pussess materjali ta' xi parti mill-fond tas-socjeta konvenuta ghadda b'mod esklussiv f'idejn is-socjeta kjamata in kawza, kif xehed Johann Briffa.

Fir-rapport preliminari tieghu dwar l-incident tal-20 ta' Novembru 2007, is-surveyor Jason Vassallo qal hekk *"It was advised that when maintenance staff of Bay Street and their CEO went to the utility room, they found that there was water on the floor, although no water was flowing out at that time. It was indicated to us that the cleaners fill their machines from the tap and that this may have been the source of the water. The tap may therefore have been left running overnight. It was noted that during our discussion, the maintenance supervisor Mr Raymond Grech was very guarded in his comments."*[17] Jason Vassallo imkien ma jsemmi li l-ufficjali tas-socjeta konvenuta kellhom bzonn li impjegati tas-socjeta kjamata in kawza jifthulhom din il-kamra. Fil-fatt mir-rapport tieghu jidher car, li l-ufficjali tas-socjeta konvenuta dahlu effettivament fil-kamra in kwistjoni, u anke hu dahal fiha, ghax ezebixxa mar-rapport tieghu r-ritratti li ha tal-kamra u tal-vit in kwistjoni.[18]

Is-surveyor Jason Vassallo xehed hekk dwar meta acceda fuq il-post fuq il-perkolazzjoni tal-ilma tal-2007: *"Jien f'dan l-ewwel access ... ... kont dort il-post flimkien mal-maintenace manager ta' Bay Street, kif ukoll wiehed mid-diretturi ta' Monaco Millions, fil-fatt morna fil-post li jinsab sovrastanti dak okkupat minn Monaco Millions. Parti minnu dan huwa okkupat mill car park ta' Bay Street, hemm ukoll kamra li tintuza mill-cleaners. F'din il-kamra jinsabu locker kif ukoll apparat li jintuza ghall-cleaning. Kien hemm ukoll vit ta' l-ilma. Meta mort l-ewwel darba rajt li kien hemm evidenza ta' l-ilma fl-art, f'din il-kamra, meta mort hemmhekk l-ilma kien maghluq u fil-fatt ma kienx jidher li kienu saru xi tiswijiet. Fil-fatt staqsejt lil maintenance manager ta' Bay Street jekk sarux xi tiswijiet u dan qalli le. Jiena kkonkludejt mill-access li ghamilt illi l-ilma li minhabba fih saru dawk il-hsarat li semmejt kien origina minn din il-kamra.*

*Issa nigi ghat-tieni incident ... .. din id-darba tat-2 ta' Mejju 2008. Dak in-nhar rajt li gara prattikament l-istess haga. Din id-darba pero meta skoprew bil-fatt kien hemm prezenti wkoll mpjegati ta' Monaco Millions. ... ... Fis-sens li dawn l-impjegati raw il-kaz isehh. Di*

[17] Ara fol. 43 tal-process.
[18] Ara fol. 45 tal-process.

*fatti l-impjegati li tkellmit maghhom ta' Monaco Millions kienu skoprew li l-ilma kien niezel minn dik il-kamra. Fil-fatt mill-ewwel kienu tkellmu mac-Chief Executive Officer ta' Bay Street, marru fl-istess kamra u mill-informazzjoni li nghatajt sabu l-ilma niezel minn din il-kamra, specifikatament qaluli li kien qed jorigina minn dak il-vit. Dan il-vit kien miftuh sabiex timtela magna bl-ilma. Jien meta mort fuq il-post prattikament tista' tghid li rajt f'dik il-kamra l-istess sitwazzjoni kif kont rajt precidentement."*[19]

Li kieku huwa vera dak li qal ix-xhud Johann Briffa, u cioe li s-socjeta kjamata in kawza biss kellha c-cwievet ta' din il-kamra, din il-Qorti ma ghandhix dubbju li s-Surveyor Jason Vassallo kien isemmi li meta acceda fil-kamra kien hemm prezenti impjegati/rapprezentanti tas-socjeta kjamata in kawza, mhux biss biex tifthilhom il-kamra, imma wkoll ghax kellha interess tissorvelja x'kien ghaddej, peress li htija ghad-dannu kagunat lis-socjeta assigurata, kien intefa' fuq impjegati taghha.

Inoltre, Jason Vassallo imkien ma jsemmi li xi hadd mid-dirigenti tas-socjeta konvenuta qallu li s-socjeta konvenuta ma kellhix il-pussess tal-kamra. In kontro-ezami huwa xehed hekk: *"Jiena naghtajt l-informazzjoni li l-kamra in kwistjoni hija proprjeta tal-kumpless Bay Street, pero tinghata lill-kuntrattur sabiex isir it-tindif. Meta mort fil-kamra ma kien hemm l-ebda impjegat."*

Din il-Qorti hija konvinta moralment li likieku kien vera li s-socjeta konvenuta ma kellhiex pussess tal-kamra, dan kienet tghidu lis-Surveyor Vassallo mill-ewwel meta gara l-ewwel incident, sabiex tezimi ruhha minn kull responsabbilita fil-konfront tas-socjeta assigurata. Minflok, hija bdiet tallega dan il-fatt biss lejn tmiem l-istadju tal-provi taghha f'dawn il-proceduri. Il-fatt li l-kamra kienet tintuza mis-socjeta kjamata in kawza, u go fiha kienet thalli affarijiet relatati mat-tindif, ma jfissirx li s-socjeta konvenuta ma kellhix pussess tal-kamra, u setghet taccedi fiha fi x'hin riedet – kif ghamlet meta graw l-incidenti in kwistjoni.

Ma jistghax jinghad li f'dawn il-proceduri s-socjeta kjamata in kawza accettat ir-responsabbilita ghad-danni subiti mis-socjeta assigurata stante li baqghet kontumaci, u allura, kif diga inghad, legalment dan ifisser li qed tikkontesta l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront taghha. Lanqas jirrizulta mill-provi li b'xi mod is-socjeta kjamata in kawza direttament jew indirettament assumiet tali responsabbilita.

[19] Ara fol. 35.

Fiz-zmien rilevanti, s-socjeta kjamata in kawza kienet kuntrattur tas-socjeta konvenuta. Anki jekk wiehed kellu jaccetta ghal grazzja tal-argument biss, li kienu l-impjegati tas-socjeta kjamata in kawza li hallew il-vit tal-ilma miftuh, u konsegwentement ikkagunaw id-danni, huwa relevanti l-insenjament tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[20] fil-kawza **Maria Xuereb et vs TBS Ltd** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003, fejn gie ritenut hekk: *"F'dan jidher li s-socjeta` konvenuta appellanti hi konxja tal-fatt, ankorke d-dannu gie kawzat mill-kuntrattur taghha u l-impjegati ta' dan, illi "non puo` un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri" ("***Borg –vs- Falzon***" riportata a* ***Vol III pagna 16****)."*

Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li hija s-socjeta' konvenuta li ghandha twiegeb u tirrispondi ghad-danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta' attrici, salv id-dritt ta' rivalsa li jista' jkun spettanti lilha kontra s-socjeta kjamata in kawza *si et quatenus*, u konsegwentement it-tielet eccezzjoni taghha qed tigi michuda.

Id-danni u/jew l-ammont taghhom sofferti mis-socjeta assigurata ma gew bl-ebda mod kontestati mis-socjeta konvenuta.

*Ir-Raba' Eccezzjoni – Id-data minn meta l-Imghax hu dovut*

Ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija li s-socjeta attrici ma tistax titlob l-imghax mid-data ta' kull pagament li ghamlet lis-socjeta assigurata taghha, izda mid-data ta' interpellazzjoni gudizzjarja ghal hlas, ghax dan huwa dejn civili. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din ir-raba' eccezzjoni hija gustifikata. Fis-sentenza **John Galdes nomine vs Godwin Abela nomine** deciza fit-28 t'April 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[21] irriteniet hekk "Kif rilevat f'numru ta' decizjonijiet *"una volta s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkontesta r-responsabilita` ghall-hlas ta' dan l-ammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficcjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni." ("***Formosa***

[20] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[21] *Per* Imhallef Philip Sciberras

***& Camilleri Ltd noe et -vs- Sea Malta Company Limited****", Appell, 12 ta' Gunju 2000).”* Mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li saret interpellazzjoni gudizzjarja qabel gew intavolati dawn il-proceduri. Konsegwentement l-imghax ghandu jiddikorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tichad l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta;
2. tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta;
3. tilqa’ r-raba’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta;
4. konsegwentement tilqa’ limitatament it-talba attrici, fis-sens li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici Atlas Insurance PCC Limited is-somma fl-ammont ta’ tlett elef tlett mija u tletin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€3,330.58), bl-imghax mid-data tan-notifika lis-socjeta konvenuta tar-rikors promotur tal-proceduri odjerni.
5. tillibera lis-socjeta kjamata in kawza mit-talbiet attrici, salv kull dritt li jista' jkun spettanti lis-socjeta konvenuta kontra s-socjeta kjamata in kawza *si et quatenus.*

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**